**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL. D**

**Illum 26 ta` Gunju 2019**

**IL-PULIZIJA**

**(Spettur Nikolai Sant)**

**Vs**

**GORDON FARRUGIA**

**Kump Nru 104/2006**

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat **Gordon Farrugia** ta' 30 sena, bin Joseph u Marion nee' Fenech, imwieled Gzira fit-13 ta' Dicembru 1975 u joqghod gewwa 61, Steward Street Gzira, detentur tal-karta tal-identita numru 39376M**,** gie akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fil-lejl ta' nhar l-20 u l-21 ta' Jannar 2006 ghall-habta ta' xi 01:00 ta' filghodu waqt li kont Havana Club li jinsab Triq San Gorg San Giljan Paceville u fil-vicinanzi:

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew qieghed il-hajja fil-periku car, ikkaguna feriti ta' natura gravi fil-gisem ta' Joseanne Farrugia detentrici tal-karta tal-identita 442382M kif gie ccertifikat mit-tabib Dr.M.Dingli M.D. Reg 2904 mid-dipartiment tal-isptar San Luqa u dan bi ksur tal-Artikoli 214 u 216 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli bil-lejl volontarjament ksirt il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat jew b'mod iehor u dan bi ksur ta' Artikolu 338(mm) tal-kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti (l-atti processwali) li ghaddew ghand din il-Qorti wara assenjazzjoni ufficjali li sehhet f'Awwissu tas-sena 2013, u dana peress li l-Magistrat li kien jippresjedi fil-Qorti tal-Magistrati gie elevat ghal Imhallef.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali tat-30 ta' Jannar 2006 (ara *folio* 4) sabiex din il-kawza titmexxa bil-procedura sommarja

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti;

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda kollha mressqa f'dawn il-proceduri;

Semghet is-sottomissjonijiet finali;

**Ikkunsidrat;**

Illi x-xhieda u l-provi principali mressqa f'dan il-procediment kienu s-segwenti:

1. L-ispettur tal-Pulizija Carmelo Abdilla (ara *folio* 8 *et seq*) jispjega dak li rrizultalu fl-investigazzjonijiet.

2. Ic-certifikat mediku (ara *folio* 11) mahrug mit-tabib Max Dingli fejn jirrizulta li Joseanne Farrugia sofriet griehi ta' natura gravi:

   a) *LCW forehead c.3cm long*
   b) *LCW forehead c. 2cm long*
   c) *LCW nasal bridge c.1.5cm long c swelling*
   d) *N.B. awaiting ENT reviews for further detail re:nasal injury*

3. L-istqarrija tal-imputat (ara *folio* 12) fejn jinnega li kien hu b'xi mod involut fl-incident mertu ta' din il-kawza;

4. Il-*current incident report* 6A/N/260/2006 fejn fih jirrizulta li *'ab initio'* (ara *folio* 20 u 21) Joseanne Farrugia tallega li kienet giet aggredita minn persuna maskili u zewg nisa, u fejn il-persuna maskili kien aggrediha bi flixkun;

5. **Joseanne Farrugia** tixhed (ara *folio* 22 *et seq*) illi fil-lejl in kwistjoni hi kienet il-Havana tiehu *drink*; waqt li z-zewg tfajliet kienu qed jizfnu u jimbuttaw u jidhlu go fiha, wahda minnhom qaltilha ghalfejn qed timbotta u waqt li Joseanne Farrugia speci staqsietha min kien qed jimbotta, dawn iz-zewg nisa qabzu fuqha u bdew ituha u jigbduwlha xaghrha. Imbaghad resaq l-imputat bil-flixkun tal-Heineken u beda jtiha bih. Ix-xhud tghid li hi kienet ma' habib taghha jismu Noel. Kien hemm ukoll certu Nadia Darmanin.

   Hija tghid li l-flixkun kien vojt u nkiser fuqha u kellha taghmel il-punti. Hija tinsisti li baqa jtiha bil-flixkun imkisser;

6. Ritratt (ara *folio* 32) li juri wicc il-vittma Joseanne Farrugia u b'mod grafiku juri l-griehi sofferti fil-wicc u l-punti li kellhom isirulha;

7. **Nadia Darmanin** (ara *folio* 33) tixhed illi hija kienet prezenti, rat liz-zewg nisa li qabdu jtuha u lill-imputat li kisser flixkun tal-Heineken fuq wicc Joseanne Farrugia. Tghid li hi kienet hemm il-Havana fil-lejl in kwistjoni u rat kollox isehh. Tghid li keshet x'hin rat dak id-demm kollu.

8. **Miriam Azzopardi** (ara *folio* 41) tixhed li fil-lejl in kwistjoni hija kienet ma' ohtha Loriana u certu Nadine Farrugia, kienu qed jizfnu, u fil-waqt kien hemm Joseanne li bdiet timbotta u meta x-xhud marret fuq Joseanne Farrugia biex tghidilha ma tibqax timbotta, din Joseanne Farrugia "faqatilha tazza go mohhha" lix-xhud; imbaghad gew fl-idejn. Kienet Joseanne Farrugia li faqghet tazza f'mohh ix-xhud Miriam Azzopardi. Lil Joseanne Farrugia ma messha hadd fl-ebda hin.

   Tghid li l-imputat tafu ghax jigi hu habiba taghha. Dak il-hin l-imputat kien hemmhekk, qed jiehu *drink*… imma waqt il-glieda ma kienx hemm. Fl-ebda hin ma rat lil Joseanne Farrugia taqla daqqa. Ma tafx min tahiela d-daqqa lil Joseanne. Zgur mhux hi jew ohtha. Huma gew fl-idejn u ma taf xejn aktar. Kull ma taf hu li hi qalghet daqqa ta' tazza.

9. **It-tabib Dr. Max Dingli** jixhed (ara *folio* 57) dwar ic-certifikat mahrug minnu, esebit *a fol*.11. Huwa jispjega senjatament "…Dan juri li kellu ferita miftuha ta' bejn wiehed u iehor tlett centimetri fuq mohha l-pazjenta. Kellha ohra fuq parti ohra ta' mohha ta' madwar zewg centimetri u wahda fuq imnehirha qisu ta' centimetru u nofs b'nefha madwarha. Dwar il-ferita ta' mnehirha imbaghad intbghatet dipartiment iehor tal-isptar fejn sabu li kella fil-fatt xi tfekkik fl-ghadam ta' mnehirha…" U jikkonferma li l-feriti huma *grievous.* It-tabib jelabora hekk a folio 58

| | |
|---|---|
| "…Pros: | il-feriti ma xhiex inhuma kompatibbli? |
| Xhud: | jistghu kienu kompatibbli ma' daqqiet fil-wicc, jistghu ikunu b'xi haga ppuntata bhal hgieg. Huwa izjed probabbli li kienu b'xi haga ppuntata milli xi daqqa ta' ponn. |
| Parte Civile: | jigifieri huma kompatibbli ma' xi haga li taqta? |
| Xhud: | iva sharp |
| Parte Civile: | iz-zewg daqqiet? |
| Xhud: | id-daqqiet kollha li niftakar kollha kellhom bzonn il-punti jigifieri kollha kienu relattivament *clean* bhala qasmiet…." |

10. **L-imputat Gordon Farrugia** tela jixhed (ara *folio* 120 *et seq*) u jikkonferma bil-gurament l-istqarrija li kien hu ta lill-Pulizija. L-imputat, *inter alia* jghid testwalment "…ghax jien m'ghamilt xejn, jien m'ghandi x'naqsam xejn. Ghax jien qalet li tajtha…. dak il-hin ksaht, tajtha bil-flixkun lanqas kont qieghed hemm u ma nafx min hi, m'ghandix x'naqsam jien ha naghtiha bil-flixkun, lanqas kieku."

11. **Ix-xhud David Agius** (ara *folio* 137 *et seq*) jixhed li hu u Gordon Farrugia huma hbieb u baqa mbellah u ccassat meta qalulu li Gordon Farrugia ghandu l-Qorti fuq dan l-incident; Hu jghid testwalment "…meta gew jghiduli bqajt iccassat ghax ma kontx naf li kellna x'naqsmu, ghax ahna qbadna u tlaqna l'hemm u ma kellniex x'naqsmu ma xejn fhimt. Dejjem mieghi kien qieghed Gordon." Jghid illi kien hemm tgegwigija imma ma jafx x'gara ezatt.

12. **Ix-xhud Mark Agius**, (hu David Agius) (ara *folio* 143 *et seq*) jixhed li Gordon Farrugia ma kellu x'jaqsam xejn ma' dan l-incident.

13. **Nadia Farrugia** tixhed (ara *folio* 148) li tigi oht l-imputat, u fl-incident *de quo* tghid li rat tgegwigija u rat lil Miriam tiggieled ma' ohra u gew il-*bodyguards* u firduhom. Lanqas taf fuq xhiex inqala l-argument. Rajt lil Miriam b'wiccha kollu demm. Hija ma kellux x'jaqsam ma' dan kollu.

14. **Gloriana (Loriana) Azzopardi** tixhed (ara folio 163) li lill-imputat tafu ghax mill-Gzira bhalha u kienet taf lil ohtu ghax kienu hbieb. F'daqqa wahda din Joseanne Farrugia u ohtha Miriam Azzopardi qabdu jiggieldu. Tixhed illi x'aktarx ohtha Miriam kellha flixkun f'idejha meta qabdu f'xulxin. Naf li Joseanne kellha d-demm fuq il-hwejjeg. Lil Gordon fl-ebda hin ma ratu.

Dawn huma principalment ir-rizultanzi processwali.

**Ikkunsidrat;**

Illi wara li gew meqjusa flimkien u dettaljatament dawn ir-rizultanzi processwali, din il-Qorti hi tal-fehma li l-prosekuzzjoni pruvat il-kaz taghha skond il-ligi peress illi kkonvinciet moralment li fil-lejl ta' bejn l-20 u l-21 ta' Jannar 2006, gewwa l-istabbiliment Havana li jinsab Paceville, ghall-habta tas-1:00am, l-imputat Gordon Farrugia ikkaguna feriti ta' natura gravi fuq Joseanne Farrugia.

Bil-korp tal-provi li ressaq, l-imputat Gordon Farrugia ma rnexxilux jiskossa l-kaz tal-prosekuzzjoni. Konsegwentament l-imputat gie legittimament passabbli ghall-ewwel imputazzjoni dedotta.

Ghal ragunijiet ovvji, t-tieni imputazzjoni ma tistax tirrizulta.

**Decide;**

**Ghall-dawn il-mottivi, l-Qorti**, wara li rat l-Artikoli 214 u 216 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat **Gordon Farrugia** mhux hati tat-tieni (2) imputazzjoni u minnha tilliberah skond il-ligi; izda ssibu hati tal-ewwel (1) imputazzjoni u tikkundannah ghal 18-il xahar prigunerija izda bis-sahha tal-Artikolu 28A tal-Kap 9, tordna li s-sentenza ma

tidholx fis-sehh hlief jekk, matul il-perjodu ta` tlett (3) snin mil-lum, il-hati jikkommetti reat iehor li ghalih hemm piena ta` prigunerija.

Skond l-Artikolu 28A(4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lil **Gordon Farrugia** fi kliem car u li jinftiehem, ir-responsabbiltajiet tieghu taht l-Artikolu 28B jekk huwa jikkommetti, matul il-perjodu operattiv, reat li ghalih hemm piena ta` prigunerija.

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur